# QORTI ĊIVILI

## PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**DIGRIET FINALI**

**ILLUM 26 TA' APRIL 2021**

**Rikors Revoka 281/2021 RGM**

**Rikors Revoka ppreżentat minn IPS-Ingredis Malta Limited**
**fit-30 ta' Marzu 2021**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**numru 368/2021 fl-ismijiet:**

**Av. Francesca Galea Cavallazzi bħala mandatarja ta**
**GET Global Environmental Technologies GmbH**

**vs.**

**IPS-Ingredis Malta Limited (C94241)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tas-soċjetà IPS-Ingredis Malta Ltd** (aktar 'l isfel imsejħa IPS Malta) ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu għar-raġunijiet hemm mogħtija talbet lill-Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kapitolu 12 tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li sar fuq talba ta' GET Global Environmental Technologies GmbH (aktar 'l isfel imejħa GET), liema mandat ġie akkordat fl-10 ta' Marzu 2021.

Is-soċjetà sekwestrata talbet ukoll lill-Qorti "tikkundanna lis-sekwestranta GET Global Environmenal Technologies GmbH sabiex thallas penali lis-socjeta rikorrenti ai termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta."[1]

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu appuntat ir-rikors għas-smiegħ ghat-12 ta' April 2021.

Kontestwalment ma' dan ir-rikors, IPS-Ingredis Malta Ltd (IPS Malta) intavoltat rikors ieħor b'urġenza fejn permezz tiegħu talbet lill-Qorti tawtorizzaha tħallas l-ammont globali ta' sittax-il elf, tlett mija u ħamsa u tletin ewro u seba' ċenteżmi (€16,335.07) lill-impjegati rispettivi tagħha kif ukoll tawtorizza lill-istess soċjetà tħallas l-ammont ta' sitt elef, ħames mija sebgħa u disgħin ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€6,597.68) dovut taxxa FSS għax-xahar ta' Frar 2021 u l-ammont ta' sitt elef sitt mija tlettax-il ewro u ħamsin ċenteżmu (€6,613.50) dovuti bħala taxxa FSS għax-xahar ta' Marzu 2021. F'dan l-aħħar rikors il-Qorti ġiet mitluba tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 368/2021 limitatament fir-rigward tal-ammonti imsemmija.

Rat illi b'digriet tat-30 ta' Marzu 2021 il-Qorti laqgħet it-tieni talba u awtorizzat il-ħlas ta' l-ammont globali ta' €16,335.07 lill-impjegati rispettivi tas-soċjetà intimata, laqgħat it-tielet u r-raba' talba u awtorizzat il-ħlas globali ta' tlettax-il elf mitejn u ħdax-il ewro u tmintax-il ċenteżmu (€13,211.18) taxxa FSS għax-xahar ta' Frar u Marzu u dan mingħajr preġudizzju għall-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet;

[1] Paġna 15 tal-proċess.

Rat **ir-risposta ta' GET Global Environmental Technologies GmbH** ippreżentata fit-12 t'April 2021 li permezz tagħha għar-raġunijiet hemm mogħtija qiegħda topponi għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 368/2021;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' April 2021;

Rat illi r-rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

Ikkunsidrat;

**Fatti Anteċedenti għall-Mandat ta' Sekwestru**

Fit-3 ta' April 2020 GET Global Environmental Technologies GmbH, kumpanija reġistrata ġewwa l-Awstria, daħlet f'kuntratt mas-soċjetà IPS-Ingredis International AG, soċjeta' estera oħra, sabiex din tal-aħħar tissupplixxiha b'mija u erbgħin (140) *ventilator* għall-ammont globali ta' erba' miljun u ħames mitt elf dollaru ($4,500,000). Minn dan l-ammont is-soċjetà GET ħallset l-ammont ta' erba' miljuni u erba' mitt elf dollaru ($4,400,000). Ġara li l-prodotti ordnati għal raġuni jew oħra ma ġewx ikkonsenjati. Kien għalhekk li s-soċjetà IPS-Ingredis International AG rrifondit l-ammont ta' erba' miljun dollaru ($4,000,000) filwaqt li l-bilanċ ta' erba' mitt elf dollaru ($400,000) allegatament inżamm akkont ta' konsenja ġdida ta' prodotti oħra relatati mal-Covid-19 u ċioe maskri tat-tip KN 95, liema konsenja kienet għall-ammont ta' erba' mija u ħamsin elf dollaru ($450,000).

Is-soċjetà sekwestranti ssostni li l-ammont ta' $400,000 qiegħed jintalab għax ma ġiex rifuż u mhux minnu li inżamm akkont ta' konsenja ġdida ta' prodotti.

Dwar ir-rimanenti bilanċ ta' ħamsin elf dollaru ($50,000), is-soċjetà GET ħallset ħamsa u għoxrin elf dollaru ($25,000) filwaqt li nħarġet ukoll *credit note* fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf dollaru ($25,000) favur GET fil-forma ta' skont. Jidher li dwar din l-aħħar konsenja ta' maskri kien hemm xi intoppi wkoll.

Fis-6 ta' Jannar 2021 is-soċjetà GET ippreżentat mandat ta' sekwestru fil-konfront ta' IPS Integrated Packaging Systems Malta Limited, Patrick Schaerrer u IPS-Ingredis International AG fis-somma ta' tlett mija ħamsa u sittin elf, disgħa mija u tnejn u sebgħin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€365,972.67). Jirriżulta li dan il-mandat sar "sabiex jikkawtela ammont dovut, skont l-istess kumpanija, wara kuntratt iffirmat bejnha u IPS Ingredis [International AG] għall-provista ta' prodotti relatati mal-Covid 19 lill-istess sekwestranti. Il-kawżali tal-Mandat ikomplu li peress li IPS Ingredis naqset li tissupplixxi parti mill-prodotti in kwistjoni u li għalih diġà kien sar ħlas da parti tagħha, kien fadal bilanċ ta' $450,000 (€365,972.67) dovut lilha."[2]

Fid-9 ta' Frar 2021 IPS Integrated Packaging Systems Malta Limited, Patrick Schaerrer u IPS-Ingredis International AG ippreżentaw rikors għal revoka tal-mandat ta' sekwestru (Rik Rev Nru 110/2021MH) u b'digriet tagħha tas-7 t'April 2021 wara li l-Qorti qieset li fit-12 ta' Marzu 2021 is-soċjetà sekwestranti rtirat il-mandat Rik Nru 31/2021 limitatament fil-konfront ta' IPS Integrated Packaging Systems Malta, għaddiet sabiex għar-raġunijiet hemm mogħtija ċaħdet it-talba għar-revoka tal-mandat.[3]

Fid-9 ta' Marzu 2021 is-soċjetà GET talbet u ottjeniet ħruġ tat-tieni mandat ta' sekwestru kawtelatorju din id-darba fil-konfront ta' IPS-Ingredis Malta Limited, is-soċjeta' rikorrenti fil-proċeduri odjerni, fis-somma ta' erba' mija u ħamsin elf dollaru ($450,000) ekwivalenti għal tlett mija u disgħa u sebgħin elf, mitejn u erbgħa u tletin ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€379,234.78) allegatament dovuti lilha wara li s-soċjetà sekwestrata flimkien ma' oħrajn, naqsu milli jikkonsenjaw prodotti relatati mal-Covid-19 lill-istess sekwestranti. Is-soċjetà sekwestrata ħassieta aggravata b'dan il-mandat ta' sekwestru u għalhekk fit-30 ta' Marzu 2021 intavolat ir-rikors mertu tal-proċeduri odjerni.

Ikkunsidrat;

2 Paġna 39 u 40 tal-proċess.
3 Kopja tad-digriet tinstab f'paġna 32 et seq tal-proċess.

**Il-Pożizzjoni tas-Soċjetà Rikorrenti.**

Is-soċjetà IPS Malta tinsisti li hija ma tinkwadrax u m'għadha assolutament l-ebda relazzjoni ma' GET u dan għaliex il-partijiet kontraenti fil-kuntratt tat-3 t'April 2020 huma GET u IPS-Ingredis International AG biss. Apparti dan, tgħid ukoll li hija ma kellha l-ebda involviment fil-ftehim sussegwenti u ċioe fil-ftehim sabiex jiġu konsenjati l-maskri tat-tip KN95. Huwa għalhekk li IPS Malta tqis li m'hijiex debitriċi tas-soċjetà GET. Is-soċjetà rikorrenti tagħmel enfasi fuq l-allegat fatt li m'hemm l-ebda ness legali, kuntrattwali jew kwalunkwe ness ieħor bejn GET u IPS Malta u għalhekk m'hijiex il-leġittimu kontradittur. Is-soċjetà IPS Malta tgħid li hija "tista' biss tassumi li GET qed tipprova testendi u tinterpreta li l-kuntratt Doc. 1 jorbot ukoll lil IPS Malta in vista tal-ewwel klawsola tal-*General Terms and Conditions (GTC)* fl-istess kuntratt Doc. 1 li jipprovdi hekk:

*These GTC are valid for all Companies of the IPS-Ingredis Group. In the following the respective IPS-Ingredis Group Company that enters into a contractual agreement will be designated as 'Seller".*

*These GTC shall always apply when, between the Buyer and the Seller, no other contractual agreements exist or nothing else has been agreed upon in written form. These GTC shall also apply to the goods, Services and / or deliverables which the Seller offers the Buyer."*

Is-soċjetà rikorrenti tgħid ukoll li qabel ġie ppreżentat il-mandat in eżami, is-soċjetà GET kienet digà ottjentiet mandat ta' sekwestru ieħor kontra IPS-Ingredis International AG (Mand ta' Sek 31/2021) u huwa għalhekk li l-mandat in kwistjoni huwa biss forma ta' *arm-twister*.

**Il-Pożizzjoni tas-soċjetà Intimata.**

Is-soċjetà intimata GET min-naħa tagħha għamlet referenza għal ittra datata 5 ta' Marzu 2020 mibgħuta mill-avukati Svizzeri ta' GET fejn spjegaw li "*in terms of Swiss law which is the law governing these proceedings and according to the current*

*available evidence and the description of the matter by our client, the above mentioned Malta company IPS-Ingredis Malta Limited, as well as Mr. Patrick Schaerrer are considered as debtors together with IPS-Ingredis International AG following the failure to deliver products to GET [...]"*

Magħdud ma' dan, is-soċjetà sekwestranti tispjega li l-Artikolu 836 (1) (d) mhux relevanti fil-konfront tal-kontestazzjoni tas-soċjetà rikorrenti fis-sens illi s-soċjetà rikorrenti qiegħda tinsisti li għandha ssir ir-revoka għaliex m'hijiex il-leġittimu kontradittur u mhux għax hemm kontestazzjoni dwar il-*quantum*. Tgħid li r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet hija kwistjoni ta' mertu. Is-soċjetà sekwestranti intimata tispjega li l-mandat ma ntalabx abbużivament iżda għaliex skont il-liġi applikabbli għall-proċeduri fil-mertu, IPS Malta hija meqjusa bħala responsabbli għall-ħlas lura tal-ammont in kwistjoni lil GET.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Artikolu 836 Kap. 12**

Il-proċedura stabbilita taħt l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 hija waħda ta' natura straordinarja intiża sabiex il-lanjanza tiġi trattata u deċiża b'urġenza u fl-iqsar żmien possibbli. Fl-azzjonijiet ippernjati fuq l-Artikolu 836 il-Qorti għandha toqgħod strettament mal-parametri dettati mis-sub inċiżi ta' dan l-artikolu u tevalwa l-provi fuq livell ta' *prima facie* u dan peress li dawn huma proċeduri sommarji intiżi sabiex jindirizzaw b'ħeffa sitwazzjonijiet li għad-deċiżjoni tagħhom ma jeħtieġx approfondiment tal-mertu tal-kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet u għalhekk il-proċedura odjerna hija nieqsa mill-formalitajiet assoċjati mal-proċedura solenni tal-kawżi fil-mertu. L-enfasi huwa l-urġenza u s-smigħ spedit.

Isegwi għalhekk li l-Qorti fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-istħarriġ li hija obbligata tagħmel huwa wieħed sommarju fuq bażi *prima facie* filwaqt li l-mertu jiġi mistħarreġ u determinat fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Kif ġie ritenut fil-

kawża fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001:

"mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."

Jingħad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandux jitqies li jkun qed isir xi ġudizzju fil-mertu, u fi proċeduri bħal dawn jeħtieġ biss li l-Qorti tistħarreġ mad-daqqa t'għajn li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu, ċioe` li s-sekwestrant għandu bażi ta' pretensjoni u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv.[4] Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament. [5]

Tajjeb jiġi sottolineat li l-proċedura ta' revoka ta' mandat dedotta taħt l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala xi forma ta' appell mid-digriet li permezz tiegħu ntlaqa' l-mandat. L-Artikolu 836 jipprovdi istanzi li s-sekwestrat jista' jibbaża l-azzjoni tiegħu sabiex jitneħħa l-mandat. Il-Leġislatur ried jaċċerta ruħu għalhekk illi jekk <u>il-ġudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-seħħ</u>, dan ikun jista' jitneħħa permezz ta' kontro-mandat. Min-naħa l-oħra jekk ir-raġunijiet tal-sekwestrat in sostenn tat-talba tiegħu għar-revoka tal-mandat kawtelatorju imorru lil hinn mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 836, allura t-triq miftuħa għalih hija li jistitwixxi azzjoni b'rikors ġuramentat u li mis-sentenza in segwietu għal dak ir-rikors jista' jsir appell.[6] Finalment għandu jingħad li l-Qorti hi marbuta li fi proċedura bħal dik odjerna l-analiżi li għandha ssir għandha tkun waħda strettament fil-parametri tal-Artikolu 836.

---

[4] **Paul Hili et vs. Dr. Joselle Farrugia nomine et** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-3 ta' Ġunju 1994.
[5] **Technobroadcast Srl vs. Mediterranean Broadcasting Limited** mogħti fil-5 ta' Ġunju 2007.
[6] Ara **Howard Stanley Kreiss vs. Patrick Zrinzo (**Rik. 458/2009 JRM) degretat mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-3 t'Awwissu 2009.

Ikkunsidrat ;

**Artikolu 836 (1) (d) Kap. 12**

Fermi l-konsiderazzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-artikolu applikabbli għall-proċedura odjerna, il-Qorti ser issa tgħaddi sabiex tikkonsidra is-sub-inċiż li ai termini tiegħu is-soċjetà IPS Malta qiegħda titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

Il-kumpanija sekwestrata rikorrenti ssejjes it-talba tagħha għar-revoka tal-mandat fuq l-**Artikolu 836 (1) (d) tal-Kapitolu 12**. Dan is-sub inċiż jipprovdi s-segwenti:

"836.(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

[...]

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv;"

Huwa evidenti illi sabiex talba għar-revoka tirnexxi taħt din il-kappa jeħtieġ illi mad-daqqa t'għajn, *prima facie,* jirriżulta li l-ammont mhux ġustifikat jew li l-ammont huwa eċċessiv. Fi kliem ieħor jekk *prima facie* jirriżulta li l-ammont mitlub fil-mandat ta' sekwestru mhux ġustifikat jew li l-ammont huwa eċċessiv, it-talba għar-revoka għandha tintlaqa. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-istħarriġ *prima facie* li għandha tagħmel f'rikors ta' revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma hux fuq l-istess binarju bħal rikors revoka ta' mandat ta' inibizzjoni.

Dan qed jingħad għaliex, *a contrario* ta' Mandat ta' Inibizzjoni fejn il-Qorti jkollha l-opportunità tisma' lill-partijiet kollha qabel tagħti d-digriet finali tagħha, f'Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju, il-Qorti takkolji t-talba mingħajr ma tagħti lis-sekwestrat il-fakultà li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Huwa għalhekk li fil-każ ta' Mandat ta' Sekwestru l-istħarriġ prima facie veru u proprju mill-Qorti iseħħ għall-ewwel darba meta ssir talba għar-revoka tal-mandat.

In tema legali ssir referenza għall-provvediment mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju 2005 wara r-rikors fl-ismijiet **Theresa Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Rik nru 336/2005) fejn ingħad: "Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat."[7]

Mill-qari tar-rikors revoka jidher li d-difiża tas-soċjetà intimata hija li m'hijiex il-leġittimu kontradittur. Kif ingħad fid-digriet mogħti fit-3 t'Awwissu 2001 fl-ismijiet **Dr. Tonio Fenech nomine et vs. Dr. Patrick Spiteri proprio et nomine et** mogħti fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestri 1246/2001, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ġie osservat li:-

"il-kwestjoni dwar il-legittimu kontradittur ma tistax tigi esaminata fid-dettal u b'mod estensiv, peress li din il-kwestjoni essenzjalment tappartjeni ghal meritu tal-kwestjoni bejn il-partijiet. L-esami li ghandu isir f'dan ir-rigward hu jekk hemmx ghall-inqas prova li mad-daqqa t'ghajn teskludi li hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet;"

Dan l-eżami tagħmlu billi l-Qorti tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li s-sekwestranti għandhom bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-*fumus juris* tal-pretensjoni dedotta) fil-konfront tas-sekwestrat. Dan huwa fil-fatt wieħed mill-elementi li għandu jiġi sodisfatt sabiex jiġi kkunsidrat jekk Mandat kawtelatorju għandux jiġi mħassar taħt is-sub-inċiż (d), fejn wieħed għandu jorbot il-kawżali tal-Mandat mal-kreditu msemmi fih.

---

[7] Sottolinear tal-Qorti.

Din il-Qorti tara f'dan il-każ partikolari li mad-daqqa t'għajn verament ma' jidhirx li l-mandat kellu jinħareġ fil-konfront tas-soċjetà IPS Malta. Minn eżami *prima facie* tal-kuntratt anness mal-mandat ta' sekwestru l-isem tas-soċjetà intimata ma jirrifigura imkien. Il-firmatarji ta' dan il-kuntratt kienet kumpanija estera u mhux dik intimata. Din il-Qorti tinnota wkoll li l-ewwel kundizzjoni ġenerali tal-kuntratt tiddefinixxi lill-venditur bħala "***the respective*** *IPS-Ingredis Group Company that enters into a contractual agreement*"[8] u għalhekk ġaladarba ma jidhirx mad-daqqa t'għajn li s-soċjetà intimata hija l-venditriċi 'rispettiva' li daħlet fi ftehim mas-soċjetà rikorrenti, f'dan l-istess kuntratt *prima facie* ma jidhirx li is-soċjetà IPS Malta hija parti.

Mar-rikors in diżamina s-soċjeta' sekwestrata rikorrenti ppreżentat *commercial invoice* u *delivery note* li jirrigwardaw il-konsenja imsemmija aktar 'l fuq u fihom din il-Qorti tinnota wkoll li isem is-soċjetà rikorrenti ma jirriżultax.

Min-naħa tagħha is-soċjetà intimata tistrieħ biss fuq parir legali li ingħatat mill-avukati Svizzeri u ċioe illi "*the above mentioned Malta company IPS-Ingredis Malta Limited [...] are considered as debtors together with IPS-Ingredis International AG*". Prova ta' din il-liġi s-soċjetà sekwestranti naqset milli tressaq nonostante li ġiet mitluba mill-Qorti waqt is-smigħ tar-rikors. Din il-Qorti tqis li jekk din hija l-linja prinċipali ta' difiża, l-inqas ħaġa li kellha ġġib is-soċjetà sekwestranti hija proprju kopja tal-liġi li qiegħda ssir referenza għaliha u dan sabiex din il-Qorti *prima facie* tkun tista' tevalwa l-applikabbilita o meno ta' dak il-provvediment.

Una volta li s-soċjetà sekwestrata resqet provi li juri li mad-daqqa t'għajn m'hemmx relazzjoni kuntrattwali jew kwalunkwe ness ieħor, kien jispetta lis-soċjetà sekwestranti sabiex tressaq dik il-prova li mad-daqqa t'għajn turi li verament kien hemm dik ir-relazzjoni kuntrattwali u li verament għandha pretensjoni fil-konfront tas-soċjetà sekwestrata.

[8] Enfasi tal-Qorti.

Fid-dawl ta' dan in-nuqqas u fid-dawl tal-provi li tesqu mis-soċjetà sekwestrata il-Qorti tikkonkludi li għall-finijiet tal-mandat kawtelatorju mad-daqqa t'għajn GET m'għandhiex pretensjoni x'tikkawtela fil-konfront tal-kumpanija IPS Malta. Din il-Qorti għalhekk ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) hija kostretta tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà sekwestrata u tgħaddi sabiex tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 368/2021. Din il-Qorti tħoss il-ħtieġa li tenfasizza però illi dawn l-osservazzjonijiet qegħdin isiru fuq linja ta' *prima facie* u għalhekk bil-fatt li t-talba għar-revoka tal-mandat ġiet milqugħa, ma jfissirx li eventwalment ma jistax jirriżulta li s-soċjetà intimata għandha pretensjoni fondata fir-rigward tas-soċjeta' sekwestrata. Dan naturalment huwa l-mertu tal-kawża fil-mertu.

Ikkunsidrat;

**Penali - Art. 836 (8) Kap. 12**.

Is-soċjetà sekwestrata talbet ukoll lil din il-Qorti tikkundanna lis-soċjetà sekwestranta tħallas penali abbażi tal-Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12.

Is-sub-artikolu (8) jaqra hekk:

(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:

(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;
(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;

(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

Għandu jingħad li l-impożizzjoni tal-penali hija sanzjoni fakoltattiva u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tgħabbix o meno persuna b'piena ta' ħlas ta' penali. Magħdud ma' dan, sabiex tiġi imposta sanzjoni jeħtieġ jintwera għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi indikati fl-istess artikolu.[9] Il-penali maħsuba fis-sub-artikolu (8) huma ta' ordni pubblika intiża sabiex tiżgura s-serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż. B'danakollu, il-penali m'għandhomx ikunu imposti b'mod u manjiera li tnissel biża fil-persuna li teħtieġ tagħmel użu mill-mandat kawtelatorju.

Il-Qorti tosserva li s-soċjetà sekwestrata naqset milli tispeċifika taħt liema sub-inċiż qiegħda isejjes it-talba tagħha. Mill-qari tar-rikors ma jirriżultax li s-soċjetà intimata qiegħda tilmenta li ma ġietx intavolata l-proċedura appożita fi żmien stabbilit bil-liġi, lanqas ma jirriżulta li hemm xi formalità taħt is-sub-inċiż (b) li ma ġietx segwieta. Mill-atti lanqas ma jirriżulta li din it-talba qiegħda titressaq a bażi li ċ-ċirkostanzi tad-debitur hija tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità a bażi tal-paragrafu (ċ). Għaldaqstant il-Qorti qed telimina l-ewwel tlett sub-inċiżi; jibqa' għalhekk li jiġu kkunsidrat l-aħħar sub-inċiż.

Il-Qorti qieset illi fir-rigward tas-sub-inċiż (d) ma tressqu ebda provi jew argumenti tajbin biżżejjed f'dawn il-proċeduri biex juru li l-Mandat ħareġ vessatorjament, b'ħażen jew b'malizzja da parti tas-soċjetà sekwestranti. Il-Qorti sejra timxi fuq il-massima li l-*buona fede* hija preżunta u li l-*mala fede* jrid jiġi ppruvat, u għalhekk kien imiss lis-soċjetà sekwestrata sabiex iġġib prova imqar fuq livell *prima facie* li

[9] **Palumbo Malta Shipyard Limited (C 48983) vs Il-Bastiment 'MV Gulf City' (IMO: 8104553)** (Rik. Ġur. Nru 165/2016 LSO) deċiż fit-22 ta' Marzu 2016**.**

s-soċjetà sekwestranti għamlet il-mandat ta' sekwestru sabiex tagħmel pressjoni indebita fir-rigward tagħha u fir-rigward ta soċjetà terza. Għaldaqstant din il-Qorti ma tarax li *prima facie* l-mandat kontra s-soċjetà intimata għandu jiġi meqjus li kien frivolu, vessatorju jew malizzjuż b'tali mod li għandu jwassal għas-sanzjoni penali.

Għaldaqstant, it-tieni talba tas-soċjetà sekwestrata qiegħda tiġi respinta.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi r-rikors revoka tat-30 ta' Marzu 2021 bil-mod segwenti:=

1. Tilqa' l-ewwel talba u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 368/2021 fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kapitolu 12;

2. Tiċħad it-tieni talba għar-raġunijiet fuq mogħtija;

Spejjeż a karigu tas-soċjetà sekwestranti intimata.

**Mogħti kameralment illum 26 ta' April 2021.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**